MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 107/2012

**Il-Pulizija
(Spt. Nikolai Sant)
Vs
Mario Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, bejn is-6 ta' Frar, 2010, ghall-habta ta' 23.45hrs, u 7 ta' Frar, 2010 ghall-habta ta' 01.00hrs, f'hinijiet differenti, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra

persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, u cioe' WPS 110 Mariucca Scicluna, fil-waqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti;

2. U aktar talli kkaguna griehi volontarji ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' WPS 110 Mariucca Scicluna, u dan skond kif iccertifika Dr Stephen Muscat MD Reg No 1455 mill-Isptar Mater Dei;

3. U aktar talli ngurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuni nkarigati skond il-Lig minn servizz pubbliku, waqt li jkunu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew ibezza' fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz, u cioe' fuq il-persuna ta' l-Ispettur Ann Marie Micallef u WPS 110 Mariucca Scicluna;

4. U aktar talli ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-pulizija taht l-istess lok u cirkostanzi, mill-istess ufficjali tal-pulizija msemmija hawn fuq;

5. U aktar talli fl-istess hin, lok, u cirkonstanzi, volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

6. U aktar talli taht l-istess hin u cirkostanzi, qal kliem oxxen u fahxi li jikkonsisti f'dagha;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja mposta mill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr T Micallef Trigona LL.D. nhar il-21 ta' Ottubru, 2008, f'dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht garanzija personali ta' €1,000 fost kundizzjonijiet ohra, kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Frar, 2012, li biha wara li rat l-artikoli 221, 94, 95, 96 u 338 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel, it-tieni, t-tielet,

ir-raba`, l-hames u s-sitt akkuza, rat ukoll l-artikolu 37, 31 u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kkundannatu ghal piena karcerarja ta' xahrejn u multa ta' €500.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 ta' Marzu 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tirrevokaha dwar l-ewwel erba` u s-seba` akkuzi, u tikkonfermaha dwar il-hames u sitta u tibdilha dwar il-piena, u fi kwalunkwe kaz tirriformaha dwar il-piena ghar-ragunijiet esposti billi tapplika provvedimenti li aktar jaghmlu ghal kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

1. Dwar l-attakk u rezistenza jigi sottomess illi jirrizulta anzi mix-xhieda ta' WPS Mariuccia Scicluna illi arrestawh u dahhlih fil-vann tal-Pulizija. Jekk huwa xejjer b'riglejh ghaliex naturalment idejh kienu mmanetjati, ma jistax jinghad illi huwa kien qed jaghmel l-attakk u rezistenza waqt l-esekuzzjoni tal-ligi. Fil-fatt il-ligi kienet giet esegwita ghaliex huma qabdu u arrestawh.
2. Dwar il-griehi volontarji ta' natura hafifa. Anke mill-istess xhieda ta' Mariuccia Scicluna ma jirrizultax illi dawn il-griehi kienu ta' natura volontarja. Hemm differenza bejn wiehed jaghmel accidentalment fuq haddiehor griehi u dak illi jaghmel griehi ghaliex ried jaghmel hsara lil dik il-persuna. Ezempju ta' dan fil-hajja normali huwa wiehed illi jghaddi mghaggel minn hdejn in-nies, jolqothom, jaqghu u jwegghu. Certament ma kellu l-ebda intenzjoni li jaghmel hsara volontarja fuq il-persuni imma accidentalment il-fatt gara. Jekk wiehed kien qieghed ihossu skomdu li qieghed jigi arrestat u ta b'riglejh u nzertat kien hemm Mariuccia Scicluna, dawk il-griehi m'humiex ta' natura volontarja. Fil-girehi irid ikun hemm l-intenzjoni generika li taghmel hsara lil persuna. Mariucca Scicluna meta tixhed tghid illi pprova jhebb ghaliha u meta wiehed jipprova jhebb ghal xi hadd u dan kien f'mument iehor, ma jfissirx illi laqatha ghax kieku kienet tghid illi

laqatha ghaliex immira daqqa lejha u weggaha. Pero` din se mai kellha tigi kompriza u involuta fit-tielet akkuza.

3. Illi t-tielet terga` titkellem fuq ingurji, theddid jew offizi u fost il-persuni li jissemmew hemm dik ta' Mariucca Scicluna, diga` msemmija fit-tieni akkuza. Il-kaz ta' Anne Marie Micallef ghandu jinghad illi jirrizulta anke mix-xhieda tal-prosekuzzjoni illi Mario Camilleri ma kienx qieghed bl-ebda mod ibezzaha jew jinfluwixxi u kienet hi li dehrilha li ghandha tikkonfrontah minhabba xi kliiem illi kien qieghed jghid u hu jichad illi kien qieghed jinsulenta lill-Pulizija b'xi mod.

4. Dwar ir-raba` akkuza certament din hija kompriza u involuta jew inkella dak illi gie asserit fl-ewwel akkuza, fil-fatt kien li m'obdeix l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-pulizija. Pero` Mario Camilleri meta kien qieghed jixhed qal li l-pulizija lilu ma trattawhx bi swat ghaliex dawk li kienu qeghdin isawtuh kienu nies ohrajn u fil-fatt il-pulizija haduh minn idejn in-nies lohrajn li kienu qeghdin isawtuh. Ghalhekk fil-mument tat-tieni incident ma kien hemm l-ebda raguni ghala jaghmel la attakk u rezistenza jew inkella ma jobdix l-ordnijiet legittimi taghhom.

5. Dwar il-hames akkuza u s-sitt akkuza l-esponenti jirrimetti ruhu ghall-provi.

6. Dwar is-seba` akkuza l-prosekuzzjoni akkuzat illi huwa ma kellux jikkommetti reat iehor ta' natura volontarja. Pero` l-Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha marret 'il boghod minn dak illi allegat il-prosekuzzjoni u ddeduciet reat illi lanqas gie mressaq fil-konfront tieghu bhala fatt. Il-Qorti qalet illi huwa kellu jirrinkaza sa mhux aktar tard mid-disgha ta' filghaxija. L-akkuza kienet tghid differentement u cioe` illi huwa wettaq reat volontarja waqt li kien taht il-helsien mill-arrest.

L-esponenti jissottometti illi l-piena karcerarja li nghatat lilu kienet gravuza. Ghalhekk f'dan il-kaz kien xieraq illi ma jitwaddabx il-habs b'kundanna u dan ukoll wara illi ta' dik l-eta` jinzamm arrestat ghal diversi granet. Barra minn hekk kellu kundizzjonijiet ta' liberta` provizorja illi ghall-eta` tieghu rabtuh fit-tul.

Kif minuri, minghajr ebda recidiva jew ksur ta' probation, jintbaghat mal-ewwel il-habs?

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat.

Fil-qosor, milli atti jirriżulta dan li ġej.

**Mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni**

Jason Sammut ra lill-appellant ser jaqbad jiġġieled ma' persuna oħra u mar iferraq. L-appellant kien qed jiffaċċja persuna waħda u mhux grupp. Iżda kien hemm grupp imdawwar li telaq kollu meta telqet il-persuna li kontra tagħha kien ser jiġġieled l-appellant. Il-Pulizija intervenew u dan ix-xhud ma ra xejn aktar.

Fl-istqarrija l-appellant ma wiġibx il-mistoqsijiet ħlief li qal li hu kien qed jistudja u li kien il-Browns għall-ħabta tad-9.00pm.

WPS 110 Maria Scicluna xehdet li fis-6 ta' Frar 2010, waqt li Mario Camilleri kien qiegħed ħdejn il-Burger King, huwa beda jgħaddi xi kummenti u jagħmel il-mossi b'wiċċu. L-ispettura Anna Maria Micallef marret fuqu u staqsietu x'ried jgħid u l-appellant wieġeb 'Oqogħdu hemm ja k-------għal għaxar ewros.' Imbagħad għall-ħabta ts-12.50am raw ġlieda ħdejn il-ħanut Brown's u għarfet lill-appellant li kien involut fil-ġlieda. Meta marret biex iddaħħlu fil-vann huwa għajjarha 'Lesbjana.' Meta daħal fil-vann huwa taha daqqtejn ta' sieq f'koxxitha. [1]

Miċ-ċertifikat jirriżulta li din ix-xhud ġarrbet ġrieħi ħfief. (fol 14). Ara wkoll ix-xhieda ta' Dr Stephen Muscat a fol 69.

PC 781 Anthony Zammit xehed li kien ikun hemm grupp ħdejn il-Burger King li dejjem kien jipprovokhom. Dan ix-xhud ma kienx preżenti fl-inċidenti ta' ħdejn il-Brown's.

---

[1] Ix-xhieda ta' PCC 744 Angelo Row tikkonferma dak li qalet din ix-xhud. Filfatt PC 744 Angelo Row li l-appellant kien żamm mal-bieba tal-vann biex ma jidħolx. Meta kien mindud l-appellant lill-WPS Maria Scicluna xxutjalha sieqha. (fol 40).

PC 660 Alexander Mifsud ukoll ikkonferma li Mario Camilleri kien għadda xi kummenti lejn il-pulizija meta kien quddiem il-Burger Kings. Wara, ħdejn il-Brown's, Mario Camilleri kien qed jagħti bil-ponn lil xi persuna oħra. Lill-WPS 110 l-appellant beda jagħtiha bil-ponn u wara taha wkoll daqqa ta' sieq. Fil-kontro-eżami x-xhud ikkonferma li beda jxejjer il-ponn f'wiċċ l-ispettura.

PC 752 ikkonferma li l-appellant irreżista l-arrest wara l-inċident ta' ħdejn il-Brown's.

L-Ispettur Anna Marie Micallef xehdet li kienet semgħet lill-appellant jgħaddi xi rimarki waqt li dan kien ma' sħabu ħdejn il-Burger King. Hija avviċinatu u staqsietu riedx jgħidilha xi ħaġa. Huwa qalilha biex tibqa' sejra fuq xogħolha. Dan l-inċident ma kienx l-ewwel wieħed għaliex dejjem kienu jsiru dawn il-kummenti minnu iżda kienu jinjorawh. Wara kien hemm inċident ħdejn il-Brown's. Il-persuna li laqqtet daqqa ta' ponn ma riedx li jittieħdu passi għax 'huma kienu ħbieb.' F'ħin minnhom l-appellant ta daqa ta' sieq lill-WPS 110. L-appellant **beda jitkellem ħażin** u jgħajjar lill-ispettura les-----.

Fil-kontro-eżami (a fol 115 et) hija ċaħdet li kienet ġibdet lill-appellant lejha. Hija kkonfermat li s-surġenta kienet qaltilha li l-appellant kien taha daqqa ta' sieq u li l-appellant ma kienx ħarab minn fuq il-post.

PC 148 Matthew Tonna rrefera wkoll għall-inċident ta' Ħdejn il-Burger King fejn sema' lil Mario Camilleri jgħid lill-ispettur 'Mur fejn il-vann għax intom għalhekk tajbin biex tilbsu l-kappell u toqogħdu lejl sħiħ għal għaxar liri.' Fl-inċident ta' ħdejn il-Brown's l-appellant beda jgħajjat 'Tmissunix, tmissunix' waqt li beda jxejjer idu u jagħti bis-sieq.

Xehed ukoll Clive Parnis u dan qal li ma kien jiftakar kważi xejn.

**Mix-xhieda tad-difiża**

L-appellant xehed a fol 121. Huwa qal li kien qiegħed Brown's f'Paceville fejn huwa ġġieled u ħareġ barra fejn kienu qed jistennewh ta' Ħal-Qormi u daru għalih. Huwa kien diġa' qala' xebgħa meta waslu l-Pulizija. Huwa kien imbotta lis-surġenta waqt li s-surġenta offendietu b'missieru. Lis-surġenta kien laqatha bil-fixla. L-appellant qal li l-pulizija ma ttrattawhx ħażin.

Ikkonsidrat

Li l-aggravji tal-appellant huma prinċiplament tnejn: (a) wieħed huwa dwar apprezzament ta' fatti u dwar li l-aħħar reat kien imniżżel b'mod differenti fiċ-ċitazzjoni minn kif kien deskritt fis-sentenza u (b) dwar il-piena.

**Punti ta' Liġi**

L-artikoli 95 u 96 tal-Kap 9 jipprovdu kif ġej:

'Inġurji jew theddid
kontra uffiċjali
pubbliċi oħra jew
offiżi fuq ilpersuna
tagħhom.
95. (1) Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz
pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda bi grad.[2]

[2] Il-verżjoni bl-Ingliż tal-artikolu 95 hija din :

'95. (1) Whosoever, in any other case not included in the last preceding two articles, shall **revile**, or threaten, or cause a bodily harm to any person lawfully charged with a public duty, while in the act of discharging his duty or because of his having discharged such duty, or with intent to intimidate or unduly influence him in the discharge of such duty, shall, on conviction, be liable to the punishment established for the vilification, threat, or

(2) Iżda l-piena ma tiżdiedx meta hija dik stabbilita għallkontravvenzjonijiet.

(3) Il-piena lanqas ma tiżdied meta hija dik ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur: iżda, f'dan il-każ, il-qorti tista', ma' din il-piena, iżżid il-multa.

Attakk jew
reżistenza.

96. Kull min jattakka jew jagħmel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti, jeħel, meta jinsab ħati –

(a) jekk l-attakk jew ir-reżistenza jsiru minn wieħed jew tnejn min-nies, il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa sena;'

L-artikolu 95 japplika f'każ li jkun hemm

(i) inġurja; jew
(ii) theddid jw
(iii) offiża fuq il-persuna

Dwar l-elementi tad-delitt ta' oltraġġ ikkontemplat fl-artikolu 95, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

'L-elementi tad-delitt ta' oltraġġ ikkontemplat fl-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali huma s-segwenti:

(i) li l-kliem allegatament inġurjuż ikun ingħad lil wieħed li għandu l-kwalifika ta' uffiċjal pubbliku;

---

bodily harm, when not accompanied with the circumstances mentioned in this article, increased by one degree.'

(ii) li l-kliem allegatament inġurjuż ikun ingħad officio durante nel contemplationer officii;

(iii) li l-kliem allegatament inġurjuż ikun ingħad fil-preżenza tal-uffiċjal in kwistjoni;

(iv) li l-kliem allegatament inġurjuż fil-fatt fih innifsu jkun kliem inġurjuż;

(v) li jkun hemm l-element intenzjonali li wieħed joffendi uffiċjal pubbliku.'[3]

It-tifisira tat-termini 'theddid' u 'offiża fuq il-persuna' toħroġ mill-Kap 9 innifsu.

Dwar l-elementi tal-artikolu 96, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

'Sabiex jisssusti r-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali jrid ikun hemm, fost affarijiet oħra, u bħala minimu, xi forma ta' forza illeġittima diretta lejn il-persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku. L-att li bih tali forza tiġi eżerċitata irid ikun tali li jkun tendenti , ossia li jkollu l-potenzjalita' li jikkaġuna xi ħsar lill-persuna tal-uffiċjal pubbliku, żgħira kemm hi żgħira din il-ħsara, anke jekk bħala fatt u fil-fatt konkret ebda ħsara ma tiġi kkaġunata, **u anke jekk l-aġent ma jkollu l-ebda intenzjoni li jikkaġuna tali ħsara**: hekk, per eżempju, ikun il-każ ta' min sempliċiement jimbotta b'mod goff jew ostili lill-uffiċjal pubbliku li jkun intimalu li ser jarrestah, jew ta' min jibda jitħabat meta jkun f'idejn l-uffiċjal pubbliku, propju biex jeħles minn idejh. Biex ikun hemm dan ir-reat l-aġent irid mhux biss attakka (il fatto di prendere l'offenisiva) jew irreżista (il fatto di prendere la difensiva) lill-uffiċjal pubbliku, iżda li tali attakk jew reżistenza tkun ġiet magħmula permezz ta' vjolenza jew ħebb (vie di fatto). Mhux biżżejjed għalhekk attakk bil-kliem, anke jekk dak il-kliem ikun iebes, inġurjuż je minatorju (tali kliem jsita' naturalment jammonta għar-reat ikkontemplat fl-

---

[3] Il-Pulizija versus Joseph Fenech 25 ta' Frar 1999. LXXXIII Vol.IV page 236

artikolu 95(1) tal-Kodiċi Kriminali). Anqas ma hi biżżejjed, għall-finijiet tal-artikolu 96 is-sempliċi reżistenza passiva (ez. li wieħed ma jiftaħx il-bieb jew li jintelaq mal-art) jew l-użu ta' forza jew vjolenza applikata fuq, jew fil-konfront ta' oġġett, b'mod pero', li dik il-forza ma tkunx tista' direttament jew indirettament, tikkaġuna xi ħsara lill-uffiċjal pubbliku (eż, wieħed jagħti bil-ponn fuq vettura biex ibeżża' lill-uffiċjal pubbliku, għalkemm f'dan il-każ jista' jikkonfigura reat ieħor). Differenti hu l-każ ta' min, biex jirreżisti arrest, iwaddab xi oġġetti fil-konfront ta' uffiċjal pubbliku, għax f'dak il-każ, għalkemm ma jkunx hemm kuntatt fiżiku bejn l-aġent u l-uffiċjalpubbliku, ikun hemm forza illeġittima li tkun qed tiġi diretta lejn il-persuna u permezz ta'att li għandu l-potenzjalita' li jikkaġuna ħsara lill-persuna.'[4]

**Applikazzjoni tal-Liġi u tal-Każistika għall-fatti.**

Mix-xhieda prodotti jirriżulta ċar li l-appellant ta daqqa ta' sieq lil WPS Mariucca Scicluna. Xhud tal-prosekuzzjoni xehed li huwa taha wkoll daqqiet ta' ponn. WPS Mariucca Scicluna hija waħda inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku u kienet qed taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi għaliex kienet qed tarresta lill-appellant. L-appellant jgħid li ma kellux intenzjoni li jweġġagħha. Skont il-każistika rrapurtata aktar 'il fuq, ukoll jekk l-aġent ma jkollux dik l-intenzjoni, xorta jista' jinstab ħati għax huwa kien qed jirreżisti bi vjolenz u mhux b'mod passiv kif intwera fl-eżempji mogħtija fl-istess każ ċitat. Iżda l-Qorti mhix konvinta li l-appellant ma riedx iweġġa' lill-pulizija. L-intenzjoni toħroġ mill-fatti kollha tal-każ. Il-Qorti eżaminat x'għamel l-appellant ħdejn il-Brown's meta l-pulizija kienet interveniet biex tikkalma s-sitwazzjoni kif ukoll kif ġab ruħu meta kien għadu ħdejn il-Burger King. Ukoll dik l-imġiba turi nuqqas kbir ta' rispett lejn l-awtorita' għaliex li toqgħod tgħaddi l-kummenti kull darba li jgħaddu l-pulizija, Sibt wara Sibt, u dan meta għad għandek 17-il sena juri li l-appellant ma jrid jirrispetta ebda awtorita'. F'dan il-każ il-Pulizija kienu l-akbar ħbieb għax waslu fil-ħin meta, skont

[4] Il-Pulizija vs Stephen Borg 26 ta' Jannar 1999 Vol.LXXXIII.Part IV paġ.165.

ma xehed l-appellant stess, kien qiegħed minn taħt fil-ġlieda. Barra dan, huwa rreżista l-arrest bi vjolenza, meta, skont dak li xehed, il-Pulizija lilu bl-ebda mod ma ttrattawh ħażin. Fl-aggravju mmarkat bin-numru (4), l-appellant jissottometti li ma kien hemm ebda raġuni għala wieħed jattakka jew jirreżisti jew ma jobdix l-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija. Iżda huwa propju dak li għamel l-appellant. Il-Qorti qed tqis li f'dan ir-reat hemm l-elementi kollha tal-artikolu 96 tal-Kap 9.

Lanqas m'hemm dubju li huwa kkaġuna offiża ħafifa fuq il-persuna ta' WPS 110 Mariuccca Scicluna għax kien hu li fajjar bis-sieq. In-natura tal-offiża hija sorretta b'ċertifikat.

Għal dak li għandu x'jaqsam mat-tielet imputazzjoni u għalhekk l-artikolu 95, għal dak li jirrigwarda l-offiża, il-Qorti diġa' għamlet il-konklużjonijiet tagħha fiż-żewġ paragrafi preċedenti u għalhekk tagħmel referenza għalihom a skans ta' repetizzjoni. Mill-provi ma jirriżultax li l-appellant hedded lil xi uffiċjal iżda li qal kliem dispreġjattiv billi pprova jumilja lill-uffiċjal l-Ispettur Ann Marie Micallef . Sa fejn għandha x'taqsam l-inġurja jeżistu l-elementi kollha msemmijin fil-każ ċċitat aktar 'il fuq. Il-kelma 'kor.....' għandha reżonanza fil-konnotati tagħha li ma tantx iddoqq sabiħ fuq il-widna. Ukoll ir-referenza għal xogħol ta' lejl għal ftit flus hija intiża biex tumilja. Aġġettiv ieħor li ntuża m'għandux normalment jitqies bħala inġurjuż iżda l-ispirtu u t-ton użat jibdlu f'wieħed tali. Għaldaqstant, il-Qorti qed tiddeċiedi li l-provi juru li hemm l-elementi kollha tal-artikolu 95.

Ir-raba'u l-ħames imputazzjoni huma kontravenzjonijiet li l-Prosekuzzjoni ppruvat ukoll iżda dawn jistgħu jitqiesu assorbiti fl-ewwel u fit-tielet imputazzjoni ai fini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

Is-sitt imputazzjoni tirriżulta minn dak li xehdet l-Ispettura Anne Marie Micallef.

Dwar is-seba' imputazzjoni, l-appellant kien akkużat li kiser il-liberta' proviżorja li kienet ingħatatlu in konnessjoni ma' każ ieħor fl-24 t'Ottubru 2008. L-imputazzjoni rreferiet

għall-kundizzjoni li ma kellux iwettaq reat volontarju waqt li jkun meħlus mill-arrest. L-ewwel Onorabbli Qorti rreferiet għall-kundizzjoni tar-rinkażar. L-artikolu 579(2) jiddisponi hekk:

'Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat.'

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-ksur ta' kundizzjoni – tkun liema waħda tkun – huwa biżżejjed biex jirrendix ħati taħt dan l-artikolu. Ma jirriżultax li l-Prosekuzzjoni akkużat lill-appellant b'reat u imbagħad irriżulta xi reat mod ieħor.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tiċħad il-paragrafi kollha (salv il-paragrafu numru 5 li ma jistax jitqies bħala aggravju għaliex anzi fih ntalbet konferma ta' ħtija dwar il-ħames u s-sitt imputazzjoni) tal-ewwel aggravju tal-appellant.

**It-tieni aggravju – il-piena**

L-appellant iqis li l-piena karċerarja kienet waħda gravuża għax hu kien għadu taħt it-tmintax-il sena – u għalhekk japplika l-artikolu 37 tal-Kap 9. Barra minn dan l-appellant mhux reċidiv u ma kienx hemm xi ksur ta' probation.

Il-Qorti qed tqis li l-uffiċjali tal-Pulizija għandhom ikunu protetti minn inġurji u minn kull offiża – kemm gravi kif ukoll ħafifa – waqt il-qadi tad-dmirijiet tagħhom. Lanqas jidhrilha li l-piena kienet xi waħda goffa għax jidher li l-Qorti kkonsidrat kemm l-eta' tal-appellant kif ukoll ir-rispett li għandu jintwera lejn l-awtorita'.

Jirriżulta li l-appellant dam għaxart ijiem jew kwart mill-piena effettiva ta' żewġ terzi ta' sittin jum fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sakemm ingħata l-ħelsien proviżorju. Dwar dan ser tipprovdi fil-konklużjoni billi tilqa' in parte biss it-tieni aggravju.

**Konklużjoni**

Il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fit-28 ta’ Frar 2012 billi waqt li tikkonfermaha fejn sabet ħtija tas-seba’ imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant u fejn ikkundannatu jħalls multa ta’ €500 qed tirriformaha f’dik il-parti fejn kien ikkundannat għal piena karċerarja ta’ xahrejn u miflok qed tikkundannah għal piena karċerarja ta’ xahrejn b’dan pero’ li din il-piena għandha tibqa’ sospiża għal sentejn ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9. Il-Qorti spjegat lill-appellant x’ser ikunu l-

effetti jekk huw jwettaq xi reat ieħor matul is-sentejn li ġejjin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------